

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Novembru 2009

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tat-Termini ta' Referenza għas-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (IPEEC) u tal-“Memorandum dwar l-ospitar tas-Segretarjat tas-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija”

(2009/954/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175, il-paragrafu 1 u l-Artikolu 300 l-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, u l-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi

- (1) Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, f'Ġunju 2008, membri tal-G8, iċ-Ċina, l-Indja u l-Korea ta' Isfel u l-Kummissjoni ddeċidew li jistabbilixxu Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (IPEEC) li għandha tiffaċilita l-azzjonijiet li jirriżultaw f'żidiet kbar fl-użu effiċjenti tal-enerġija. L-IPEEC ser tipprovdi forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u skambju ta' informazzjoni. L-IPEEC hija miftuħa għal pajjiżi u organizzazzjonijiet intergovernattivi oħrajn.
- (2) Fl-24 ta' Mejju, it-Termini ta' Referenza għas-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (it-Termini ta' Referenza) ġew iffirmati f'Ruma minn tnax-il Stat, inklużi erba' Stati Membri tal-Komunità Ewropea.

- (3) It-Termini ta' Referenza jiddeskrivu l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-IPEEC, jistabbilixxu l-organizzazzjoni tagħha, jiddefinixxu l-kriterji għal membri ġodda potenzjali u fihom dispożizzjonijiet ġenerali rigward fost affarijiet oħra l-finanzjament tas-Sħubija u drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

- (4) L-Artikolu 4.2 tat-Termini ta' Referenza jipprevedi li l-IPEEC hija miftuħa għal organizzazzjonijiet intergovernattivi u li s-sħubija tagħhom tiddependi mill-iffirmar tat-Termini ta' Referenza.

- (5) Il-funzjonijiet amministrattivi tal-IPEEC ikunu ġestiti l-aħjar permezz tal-istabbiliment ta' segretarjat. Fl-24 ta' Mejju u t-22 ta' Ġunju rispettivament, Memorandum dwar l-ospitar tas-Segretarjat tal-IPEEC mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (il-Memorandum) ġie ffirmat f'Ruma minn tnax-il Stat, inklużi erba' Stati Membri tal-Komunità Ewropea. L-AIE ffirmat fit-18 ta' Ġunju 2009.

- (6) Il-Memorandum jiddeskrivi l-prinċipji ġenerali rigward l-organizzazzjoni tas-Segretarjat, u fih dispożizzjonijiet rigward il-persunal tas-Segretarjat u r-reklutaġġ tiegħu, kif ukoll rigward il-kwistjonijiet tal-finanzjament u l-proċeduri tal-baġit.

- (7) Il-Punt 16 tal-Memorandum jipprevedi li kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattiva li tixtieq issir membru tal-IPEEC ser tintalab tiffirma l-Memorandum.

⁽¹⁾ L-opinjoni tal-PE tas-26 ta' Novembru 2009, mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

- (8) Huwa adatt li l-Komunità Ewropea tiffirma t-Termini ta' Referenza u l-Memorandum.
- (9) Il-Komunità Ewropea għandha tħallas kontribuzzjoni lill-IPEEC għall-ispejjeż amministrattivi tagħha.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

1. It-Termini ta' Referenza għas-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (IPEEC), annessi ma' din id-Deċiżjoni bħala Anness I, huma b'dan approvati fisem il-Komunità Ewropea.
2. Il-Memorandum dwar l-ospitar tas-Segretarjat tas-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, anness ma' din id-Deċiżjoni bħala Anness II, huma b'dan approvat fisem il-Komunità Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw fisem il-Komunità Ewropea sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Komunità li tintrabat bi:

- it-Termini ta' Referenza għas-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (IPEEC), u
- il-Memorandum dwar l-ospitar tas-Segretarjat tas-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009

Għall-Kunsill

Il-President

S. O. LITTORIN

ANNEX I

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĠJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

L-entitajiet governattivi nazzjonali hawn taħt iffirmati (kollettivament il-"Membri") jistabbilixxu t-termini ta' referenza segwenti tas-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (IPEEC), qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija biex isostni kooperazzjoni internazzjonali aġili u produttiva fil-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u fl-iffirankar tal-enerġija. L-IPEEC ser tiskambja opinjonijiet u tfittex kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali oħra, biex tikseb sinerġiji u tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi.

1. Għan tal-IPEEC

L-għan tal-IPEEC huwa li tiffaċilita dawk l-azzjonijiet li jirriżultaw f'żidiet kbar fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Il-Membri jistgħu jagħżlu li jieħdu tali azzjoni fuq bażi volontarja fejn jaraw valur miżjud għalihom infushom b'kont meħud ta' ċirkustanzi ekonomiċi, teknoloġiċi u oħrajn tagħhom. L-IPEEC tippromwovi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija madwar id-dinja kollha billi tippovdi forum ta' livell għoli għad-diskussjoni, konsultazzjoni u skambju ta' informazzjoni. Hija ma tiżviluppax u ma tadottax standards jew miri dwar l-effiċjenza għall-Membri tagħha.

2. Aktivitajiet ta' Kooperazzjoni tal-IPEEC

2.1. L-IPEEC tista' twettaq attivitajiet ta' kooperazzjoni fost il-Membri fl-oqsma li ġejjin:

2.1.1. appoġġ għax-xogħol li jkun għaddej tal-Membri biex jippromwovi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, inklużi l-iżvilupp ta' indikaturi stabbiliti fil-livell nazzjonali dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-kompilazzjoni tal-aħjar Prattiki, u t-tisħiħ tal-isforzi nazzjonali għall-għbir tad-data;

2.1.2. l-iskambju ta' informazzjoni dwar miżuri li jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fuq bażi settorjali u transsettorjali bħal, iżda mhux limitati għal: standards/kodiċijiet/normi u tikketti għall-bini, prodotti u servizzi li jużaw l-enerġija bil-ħsieb li tiġi aċċellerata l-penetrazzjoni fis-suq tal-aħjar Prattiki b'kont meħud ta' ċirkostanzi tal-Membri individwali; metodoloġiji għall-kejl tal-enerġija, proċeduri ta' awditjar u verifika, protokoll ta' ċertifikazzjoni u strumenti oħra sabiex tinkiseb prestazzjoni ottimali fl-użu effiċjenti tal-enerġija tul il-perjodu tal-użu ta' bini, proċessi industrijali, prodotti rilevanti, apparat u tagħmir; faċilitar tal-ambjent u l-istrumenti għall-iffinanzjar ta' miżuri għall-użu effiċjenti tal-enerġija, u l-istabbiliment ta' prinċipji biex jiġu mħeġġa l-investimenti fl-użu effiċjenti tal-enerġija; linji politiċi dwar l-akkwisti pubbliċi biex jithegheg l-użu ta' prodotti, servizzi u teknoloġiji li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti; programmi li jgħinu lill-istituzzjonijiet pubbliċi jsiru iżjed effiċjenti fix-xiri u t-tħaddim ta' bini, vetturi, prodotti u servizzi; attivitajiet li jżidu l-għarfien tal-konsumaturi u tal-partijiet interressati permezz tat-tixrid ta' informazzjoni ċara, kredibbli u aċċessibbli dwar l-użu effiċjenti tal-enerġija bil-ħsieb li jkun jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet infurmati sewwa; linji gwida għall-aħjar Prattiki biex tiġi evalwata l-effikaċja tal-linji politiċi u l-miżuri għall-użu effiċjenti tal-enerġija; kooperazzjoni pubblika-privata biex jiġi avvanzat l-iżvilupp fir-riċerka, kummerċjalizzazzjoni u implimentazzjoni ta' teknoloġija li tagħmel użu effiċjenti tal-enerġija biex jiġu aċċellerati l-implimentazzjoni, id-diffużjoni u t-trasferiment ta' dawn it-teknoloġiji; u azzjonijiet biex jiġu aċċellerati d-disseminazzjoni u t-trasferiment tal-aħjar Prattiki u t-teknoloġiji effiċjenti u l-bini tal-kapaċità f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

2.1.3. żvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati għat-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija f'kull settur prinċipali li jikkonsma l-enerġija, miżni fuq inizjattivi rilevanti;

2.1.4. faċilitar ta' riċerka u żvilupp konġunti f'teknoloġiji prinċipali li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti, speċjalment biex jiġu applikati mill-Membri;

2.1.5. faċilitar tad-disseminazzjoni ta' prodotti u servizzi relatati mal-enerġija li jikkontribwixxu għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija; u

2.1.6. attivitajiet oħrajn li javvanzaw l-ilħuq tal-għan tal-IPEEC kif stabbilit reċiprokament mill-Membri.

3. Organizzazzjoni tal-IPEEC

3.1. Il-Membri b'dan jistabbilixxu Kumitat għall-Politika, magħmul minn rappreżentant ta' livell għoli ta' kull Membru, u Kumitat Eżekuttiv, magħmul minn rappreżentant ta' livell intermedju ta' kull Membru.

3.2. Il-Kumitat għall-Politika għandu jirregola l-qafas ġenerali u l-linji politiċi tal-IPEEC inklużi l-arranġamenti finanzjarji, jirrieżamina l-progress tal-Gruppi ta' Ħidma kif ukoll il-ħidma tal-Kumitat Eżekuttiv u s-Segretarjat, u jipprovdi direzzjoni lill-Kumitat Eżekuttiv. Il-Kumitat għall-Politika għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, f'ħinijiet u f'postijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Membri tiegħu.

- 3.3. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jissorvelja l-organizzazzjoni tal-laqgħat annwali tal-Kumitat għall-Politika, jeżamina u jadotta l-programm ta' ħidma u l-baġit għal kull sena, jeżamina t-talbiet għas-sħubija, jipprovdi gwida u jissorvelja l-ħidma tas-Segretarjat, u jiżviluppa proposti għall-ħidma tal-Gruppi ta' Ħidma u jirrieżaminaha. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena, f'ħinijiet u f'postijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat Eżekuttiv.
- 3.4. Il-Kumitat għall-Politika u l-Kumitat Eżekuttiv għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' kunsens, ħlief jekk ikun ipprovdut mod ieħor.
- 3.5. Il-Kumitat Eżekuttiv jista' japprova l-ħolqien ta' Gruppi ta' Ħidma, magħmulin minn rappreżentanti ta' xi wħud minn jew mill-Istati Membri kollha, biex jaħdmu fuq proġetti individwali, skont il-ħtieġa.
- 3.6. Rappreżentant minn kull Grupp ta' Ħidma, kif magħżul mill-grupp, għandu jirrapporta bil-miktub jew personalment, dwar il-progress tal-proġett lill-Kumitat Eżekuttiv meta jintalab biex jagħmel dan. Il-Gruppi ta' Ħidma għandhom jiltaqgħu kull kemm ikun hemm b'zonn biex jirrieżaminaw il-progress tal-attivitajiet rispettivi tagħhom, jidentifikaw direzzjonijiet promettenti għall-ħidma futura tagħhom, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-Kumitat għall-Politika dwar l-azzjonijiet meħtieġa.
- 3.7. Kemm il-Kumitat għall-Politika kif ukoll il-Kumitat Eżekuttiv għandhom jeleġġu, minn fost il-Membri, President u Viċi President wieħed jew aktar għal perijodu ta' sentejn.
- 3.8. L-IPEEC tista' tagħmel laqgħat Ministerjali meta jkun meħtieġ. Il-laqgħat Ministerjali għandhom jirrieżaminaw il-progress tal-kollaborazzjoni mal-IPEEC u għandhom jipprovdu direzzjoni ġenerali dwar il-prijoritajiet għall-ħidma futura.
- 3.9. Il-koordinatur prinċipali tal-komunikazzjonijiet u l-attivitajiet tal-IPEEC huwa s-Segretarjat tal-IPEEC. Il-funzjonijiet tas-Segretarjat huma li: (1) jorganizza l-laqgħat tal-Kumitat għall-Politika u tal-Kumitat Eżekuttiv; (2) jorganizza attivitajiet speċjali bħal telekonferenzi u workshops; (3) jirċievi u jibgħat talbiet għodda għas-sħubija lill-Kumitat Eżekuttiv; (4) jikkoordina l-komunikazzjonijiet fir-rigward tal-attivitajiet tal-IPEEC u l-istatus tagħhom, inklużi l-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' websajt tal-IPEEC; (5) jaġixxi bħala entità li tiġbor u tqassam l-informazzjoni għall-IPEEC; (6) iżomm rekords arkivjati għall-Kumitat għall-Politika u għall-Kumitat Eżekuttiv; (7) iheji rapport annwali b'superviżjoni mill-Kumitat Eżekuttiv; u (8) iwettaq tali kompiti oħrajn hekk kif jordna l-Kumitat Eżekuttiv. Il-funzjonijiet tas-Segretarjat huma amministrattivi.
- 3.10. Sabiex jiġu żgurati kemm is-sostenibbiltà kif ukoll il-konsistenza tal-attivitajiet tal-IPEEC, ser jiġi stabbilit segretarjat speċifiku. Is-Segretarjat tal-IPEEC ser ikun ospitat fl-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE), sabiex l-IPEEC tkun tista' tagħmel użu sħiħ mill-għarfien, l-esperjenzi u l-kapaċità tal-AIE. Is-Segretarjat ser ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni għall-Membri kollha tal-IPEEC. Huwa ser jirrapporta lil, u jirċievi l-gwida tiegħu mingħand il-Kumitat Eżekuttiv. Is-Segretarjat ser ikun sostnut mill-kontribuzzjonijiet volontarji (finanzjarji jew in natura) tal-Membri kollha.
- 3.11. Minbarra l-persunal impjegat mis-Segretarjat, is-Segretarjat jista', kif deċiż mill-Kumitat Eżekuttiv, juża s-servizzi ta' persunal impjegat mill-Membri u li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tas-Segretarjat. Dan il-persunal għandu jitħallas minn min iħaddimhom u jibqgħu soġġetti għall-kondizzjonijiet tal-impjieg ta' min iħaddimhom.
- 3.12. Kull Membru għandu jiddeċiedi b'mod individwali n-natura tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet tal-IPEEC.

4. Sħubija

- 4.1. Dawn it-Termini ta' Referenza, li huma ta' natura amministrattiva, ma joħlqu l-ebda obbligu legalment vinkolanti bejn jew fost il-Membri tagħha. Kull Membru għandu jwettaq l-attivitajiet ikkontemplati minn dawn it-Termini ta' Referenza skont il-liġijiet u r-regolamenti li għalihom ikun suġġett u l-ftehimiet internazzjonali li għalihom hu jew il-gvern tiegħu jkun parti, u fi ħdan l-approprijazzjonijiet baġitarji rispettivi.
- 4.2. L-IPEEC hija miftuħa għal entitajiet governattivi nazzjonali u organizzazzjonijiet intergovernattivi oħrajn. Is-sħubija tagħhom tiġi stabbilita mill-Kumitat għall-Politika li jaġixxi b'kunsens. Is-sħubija fl-IPEEC tiddependi mill-iffirmar tat-Termini ta' Referenza tal-IPEEC. Il-pajjiżi tal-Membri huma elenkati fl-Appendiċi A. L-Appendiċi A jista' jiġi mmodifikat b'kunsens tal-Kumitat għall-Politika.
- 4.3. Fuq stedina tal-Kumitat Eżekuttiv, esperti tekniċi u oħrajn minn fost u barra l-Membri jistgħu jipparteċipaw fil-Gruppi ta' Ħidma.

5. Finanzjament

- 5.1. Soġġett għall-punt 3.11, kull Membru jista' jikkontribwixxi fondi u riżorsi oħrajn għall-IPEEC soġġett għal-liġijiet, ir-regolamenti u l-linji politiċi applikabbli għall-Membri. Kull Grupp ta' Ħidma huwa ffinanzjat mill-Membri li jipparteċipaw f'dak il-Grupp ta' Ħidma skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-linji politiċi applikabbli għal kull Membru tiegħu.

5.2. Kull Membru għandu jerfa' l-ispejjeż li għejjin li jsiru b'rabta mal-laqgħat tal-Kumitat għall-Politika, il-Kumitat Eżekuttiv u l-Gruppi ta' Ħidma tiegħu:

- L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-għajxien tar-rappreżentanti tal-Membri tiegħu;
- L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tar-rappreżentanti tal-Membri; u
- Spejjeż oħrajn relatati.

5.3. Qabel ma l-programm ta' ħidma u l-baġit għal kull sena jiġu adottati, kull Membru huwa mħeġġeġ sabiex jindika l-kontribuzzjoni tiegħu għall-IPEEC.

5.4. Dawn it-Termini ta' Referenza ma joħlqu l-ebda dritt jew benefiċċju, sostantiv jew proċedurali, li jista' jiġi infurzat bil-liġi jew ekwità kontra l-Membri, l-uffiċjali jew l-impjegati tagħhom, jew kwalunkwe persuna oħra. L-ebda Membru m'għandu jippreżenta talba għal kumpens lil Membru ieħor għal attivitajiet li jwettaq skont dawn it-Termini ta' Referenza. Dawn it-Termini ta' Referenza la jindirizzaw u lanqas japplikaw għal xi persuna barra l-Membri.

6. **Riċerka Miftuħa u Proprjetà Intellettuali**

6.1. Il-proprjetà intellettuali maħluqa mill-IPEEC, ħlief dik mill-Gruppi ta' Ħidma, għandha tkun waħda miftuħa u disponibbli għal kulħadd kemm-il darba l-Kumitat Eżekuttiv ma jiddeċidix mod ieħor.

6.2. Il-proprjetà intellettuali maħluqa jew mogħtija waqt l-implimentazzjoni ta' proġetti taħt il-Gruppi ta' Ħidma għandha tirċievi protezzjoni adegwata u effettiva. L-allokazzjoni ta' drittijiet lil tali proprjetà intellettuali u t-trattament tal-informazzjoni proprjetarja għandhom jiġu definiti b'arranġamenti implimentattivi speċifiċi bejn u fost il-Membri kkonċernati.

7. **Bidu, Estensjoni, Modifika, Irtirar, u Waqfien**

7.1. Dawn it-Termini ta' Referenza ser jibdew fl-24 ta' Mejju 2009 u ser jissoktaw għal 10 snin kemm-il darba ma jiġux estiżi jew imwaqqfa mill-Membri.

7.2. Dawn it-Termini ta' Referenza jistgħu jiġu modifikati bil-miktub fi kwalunkwe ħin b'konsens tal-Membri.

7.3. Membru jista' jirtira mill-IPEEC. Membru għandu jagħmel ħiltu sabiex jagħti avviż bil-miktub lill-Membri l-oħrajn mhux inqas minn 90 ġurnata qabel l-irtirar previst tiegħu.

Appendiċi A: Ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, il-Kanada, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti tal-Amerika

TERMINI TA' REFERENZA Għas-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI Għall-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Edison LOBAO

Il-Ministru tal-Minjieri u l-Enerġija tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA Għas-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI Għall-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Cassie DOYLE

Deputat Ministru għar-Riżorsi Naturali tal-Kanada

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA Għas-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI Għall-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

XIE Ji

Rappreżentant għall-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riformi tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Jean-Louis BORLOO

Ministru tal-Istat, il-Ministru tal-Ekoloġija, l-Enerġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ippjanar tal-Ibliet u l-Kampanja ta' Franża

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Bernd PFAFFENBACH

Is-Segretarju tal-Istat tal-Ministru Federali tal-Ekonomija u t-Teknoloġija tal-Ġermanja

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Claudio SCAJOLA

Il-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku tal-Italja

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Toshihiro NIKAI

Il-Ministru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Industrija tal-Ġappun

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Young Hak KIM

Rappreżentant għall-Ministeru tal-Ekonomija tal-Għarfien tal-Korea

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Georgina KESSEL MARTINEZ

Is-Segretarju għall-Enerġija tal-Messiku

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Sergey SHMATKO

Il-Ministru tal-Enerġija tal-Federazzjoni Russa

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Ed MILIBAND

Is-Segretarju tal-Istat għall-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

(iffirmati)

Steven CHU

Is-Segretarju għall-Enerġija tal-Istati Uniti tal-Amerika

Data: 24 ta' Mejju 2009

TERMINI TA' REFERENZA GĦAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU
TAL-ENERĠIJA

[Osservatur]

(iffirmati)

Andris PIEBALGS

Il-Kummissarju għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea

Data: 24 ta' Mejju 2009

ANNEX II

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA (IPEEC) MILL-AIE

Is-Segretarjat tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (l-"AIE") u l-entitajiet governattivi nazzjonali u l-entitajiet intergovernattivi li ffirmaw dan il-Memorandum (kollettivament il-"Membri tal-IPEEC"); Waqt li jirrikonoxxu li l-Membri tal-IPEEC iffirmaw it-Termini ta' Referenza għall-IPEEC fl-24 ta' Mejju 2009 (it-"Termini ta' Referenza"); Waqt li jinnotaw li l-IPEEC hija indipendenti f'termini ta' finanzjament u l-programm ta' ħidma tagħha; Waqt li jirrikonoxxu li l-funzjonijiet amministrattivi tal-IPEEC ikunu ġestiti l-aħjar permezz tal-istabbiliment ta' segretarjat (is-"Segretarjat tal-IPEEC") kif ukoll unitajiet iddedikati eventwali għal Gruppi ta' Ħidma speċifiċi; Waqt li jikkunsidraw li l-oġettivi kemm tal-IPEEC kif ukoll tal-AIE jistgħu jissaħħu bl-opportunitajiet għal netwerking ta' benefiċċju reċiproku bejn l-AIE u s-Segretarjat tal-IPEEC; u Waqt li jikkunsidraw, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jiġi definit eżatt kif is-Segretarjat tal-IPEEC ser jiġi ospitat mill-AIE;

Iddeċidew dan li ġej:

Prinċipji Ġenerali

1. Is-Segretarjat tal-IPEEC ser jiffunzjona skont il-gwida sostantiva tal-Kumitat Eżekuttiv (kif inhu definit it-terminu fit-Termini ta' Referenza). Il-programm ta' ħidma tas-Segretarjat tal-IPEEC ser jiġi deċiż mill-Kumitat Eżekuttiv.
2. Il-Membri tal-IPEEC jifhmu li l-AIE mhi ser tassumi l-ebda responsabbiltà finanzjarja fir-rigward tal-IPEEC u s-Segretarjat tal-IPEEC. Ħlief kif jiġi deċiż mod ieħor mill-Membri tal-IPEEC, l-ispejjeż kollha relatati mal-funzjonament u mal-persunal tas-Segretarjat tal-IPEEC, inklużi l-ispejjeż marbuta mal-waqfien ta' ħatriet, ser jiġġarrbu mill-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Membri tal-IPEEC u/jew entitajiet oħra approvati mill-Kumitat Eżekuttiv.
3. Soġġett għad-disponibilità ta' kontribuzzjonijiet volontarji suffiċjenti, is-Segretarjat tal-IPEEC huwa intenzjonat li jwettaq il-funzjonijiet definiti għas-Segretarjat tal-IPEEC fit-Termini ta' Referenza.
4. Is-Segretarjat tal-IPEEC, jew unità fi ħdanu, jista' jipprovi wkoll funzjonijiet simili għal Grupp ta' Ħidma partikolari (kif inhu definit dak it-terminu fit-Termini ta' Referenza), soġġett għal kontribuzzjonijiet volontarji ddedikati suffiċjenti mill-Membri tal-IPEEC li jipparteċipaw f'dak il-Grupp ta' Ħidma.

Reklutaġġ u Persunal tas-Segretarjat tal-IPEEC

5. Fuq it-talba tal-Kumitat Eżekuttiv, u f'konsultazzjoni miegħu, l-AIE hi mistennija li twettaq ir-reklutaġġ tal-persunal għas-Segretarjat tal-IPEEC skont ir-regoli u l-proċeduri dak iż-żmien eżistenti tal-AIE, u b'mod li jittratta lill-kandidati mill-pajjiżi tal-Membri tal-IPEEC b'mod ugwali.
6. Fuq it-talba tal-Kumitat Eżekuttiv, skont il-liġijiet tal-pajjiż ospitanti tal-AIE u r-regoli u l-proċeduri eżistenti dak iż-żmien tal-AIE, is-Segretarjat tal-IPEEC jista' jaċċetta individwi b'self mill-Membri tal-IPEEC. Kull Membru tal-IPEEC li jislef individwu lis-Segretarjat tal-IPEEC għandu jibqa' responsabbli għas-salarju u l-benefiċċji ta' dak l-individwu, li jinkludu iżda li mhumiex neċessarjament limitati għall-ivvjaġġar u r-rilokazzjoni lejn u mill-AIE sabiex l-individwu jibda u jtemm ix-xogħol fis-Segretarjat tal-IPEEC. L-AIE u l-Membri l-oħrajn tal-IPEEC ma jerfgħu l-ebda responsabbiltà finanzjarja għal dawn l-ispejjeż.
7. Il-persunal kollu tal-IPEEC u l-individwi b'self mill-Membri tal-IPEEC ser jaħdmu biss fi ħdan is-Segretarjat tal-IPEEC. Ma huma se jagħmlu l-ebda xogħol għall-AIE.
8. Soġġett għat-termini ta' dan il-Memorandum, l-AIE għandha tiżgura li s-Segretarjat tal-IPEEC ikun ipprovdut bi spazju għall-uffiċċji li jkun mġhammar skont l-istandards tal-AIE. Il-persunal tas-Segretarjat tal-IPEEC għandu jkollu aċċess għas-servizzi ta' appoġġ li l-AIE tipprovi lill-persunal tal-AIE, li jinkludu iżda li mhumiex neċessarjament limitati għal servizzi legali, ta' persunal u finanzi, pubblikazzjonijiet u midja, teknoloġija tal-informatika, sigurtà, tindif u manutenzjoni, ivvjaġġar fuq missjonijiet u l-użu ta' spazju għal-laqgħat.

Finanzjament u Proċeduri Baġitarji

9. Is-Segretarjat tal-IPEEC u l-ospitar tiegħu mill-AIE huma intenzjonati li jkunu ffinanzjati kompletament permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji mill-Membri tal-IPEEC u/jew entitajiet oħrajn kif approvat mill-Kumitat Eżekuttiv. Il-livelli tal-persunal u l-baġit tas-Segretarjat tal-IPEEC għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Eżekuttiv f'konsultazzjoni mas-Segretarjat tal-AIE.

10. Il-Membri tal-IPEEC beħsiebhom jistabbilixxu bejniethom l-ammont u l-waqt tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji rispettivi tagħhom, jekk ikun hemm. Huma jinnotaw li l-kontribuzzjonijiet għas-sostenn tal-ospitar tas-Segretarjat tal-IPEEC mill-AIE għandhom isiru lill-AIE skont ir-regoli u l-proċeduri finanzjarji tal-AIE fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet volontarji. Il-Membri tal-IPEEC huma mħeġġa sabiex jużaw ittra mudell ipprovduta mill-AIE biex ikun iffaċilitat l-għoti tal-kontribuzzjonijiet volontarji.
11. Safejn l-AIE tantiċipa li l-ispejjeż tal-IPEEC jistgħu jkunu ogħla mill-kontribuzzjonijiet tal-Membri tal-IPEEC għalihom, l-AIE għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv li l-kontribuzzjonijiet jidhru insuffiċjenti sabiex is-Segretarjat tal-IPEEC ikompli bl-operazzjonijiet ippjanati. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jipprovi għid lill-AIE biex tnaqqas l-infiq tas-Segretarjat tal-IPEEC u/jew jipprovi fondi addizzjonali lill-AIE sabiex is-Segretarjat tal-IPEEC ikollu biżżejjed fondi biex ikompli l-operazzjonijiet fi ħdan l-AIE. Safejn il-għid neċessarja u/jew il-fondi addizzjonali suffiċjenti ma jkunux se jiġu mill-Membri tal-IPEEC, jew l-AIE tqis li tali għid mhix suffiċjenti, l-AIE tista' tiddeċiedi li ma tibqax tospita lis-Segretarjat tal-IPEEC.
12. Safejn xi kontribuzzjonijiet volontarji jibqgħu ma jintefqux mis-Segretarjat tal-IPEEC fil-31 ta' Diċembru ta' xi sena partikolari, huma għandhom jingħaddew awtomatikament għas-sena ta' wara skont il-proċeduri standard tal-AIE bil-kondizzjoni, madankollu, li l-AIE tkompli tospita lis-Segretarjat tal-IPEEC fis-sena ta' wara.

Data tal-bidu, tħaddim, modifika, tkompli u tmien

13. L-attivitajiet skont dan il-Memorandum għandhom jibdew fi [data]. Minkejja dan, il-Membri tal-IPEEC jirrikonoxxu li s-Segretarjat tal-IPEEC mhuwiex mistenni li jibda l-funzjonijiet tiegħu qabel ma jkunu ġew assigurati kontribuzzjonijiet volontarji mill-Membri tal-IPEEC sabiex jiffinanzjaw is-Segretarjat tal-IPEEC sal-31 ta' Diċembru 2010, li l-AIE smat għal EUR 1,3 miljun.
14. Is-Segretarjat tal-AIE u l-Kumitat Eżekuttiv għandhom jiltaqgħu kif meħtieġ biex jiddiskutu kwistjonijiet li jinvolvu l-implementazzjoni Prattika u t-tħaddim ta' dan il-Memorandum.
15. Il-Memorandum jista' jiġi mmodifikat bil-miktub b'konsens bejn l-AIE u l-Kumitat Eżekuttiv.
16. Safejn, wara li jibdew l-attivitajiet, xi entità governattiva nazzjonali jew organizzazzjoni intergovernattiva tkun tixtieq issir Membru tal-IPEEC, hija ser tintalab tiffirma dan il-Memorandum u tiġi definita bħala Membru tal-IPEEC għall-finijiet ta' dan il-Memorandum. Kwalunkwe Membru ġdid tal-IPEEC ser ikun eliġibbli li jkollu individwi li jservu fis-Segretarjat tal-IPEEC, soġġett għall-paragrafi 5 sa 8 ta' hawn fuq.
17. Dan il-Memorandum jista' jintemm mill-AIE jew mill-Kumitat Eżekuttiv f'kull mument. F'din l-eventwalità huma għandhom jagħmlu hilitom biex jagħtu avviż bil-miktub mhux inqas minn tnax-il xahar bil-quddiem lil xulxin.
18. Meta Membru tal-IPEEC jirtira mill-IPEEC skont it-Termini ta' Referenza, l-avviż tal-irtirar ipprovdut minn dak il-Membru tal-IPEEC jikkostitwixxi avviż tal-irtirar skont dan il-Memorandum. Minkejja dan, il-Membri tal-IPEEC għandhom jiżguraw li s-Segretarjat tal-IPEEC jinforma bil-miktub lill-AIE minnufih mal-avviż ta' tali rtirar. Parteċipant fl-IPEEC li jirtira mill-IPEEC m'għandu jirċievi l-ebda rimborż mill-AIE għall-kontribuzzjonijiet volontarji li jkun għamel qabel.
19. Safejn il-Kumitat Eżekuttiv u l-AIE ma jkunux iddeċidew li jtemmu l-attivitajiet skont dan il-Memorandum qabel it-30 ta' Ġunju ta' kwalunkwe sena partikolari, l-AIE, jekk ikun meħtieġ, tagħti bidu għal sejħa għall-fondi permezz tal-Kumitat Eżekuttiv lill-Membri kollha tal-IPEEC sabiex tgħin biex tiżgura li s-Segretarjat tal-IPEEC ikollu fondi biżżejjed għas-sena kalendarja suċċessiva. Safejn l-AIE ma tirċivix fondi biżżejjed sat-30 ta' Settembru ta' dik is-sena partikolari, l-AIE tista' tiddeċiedi li ma tibqax tospita lis-Segretarjat tal-IPEEC.
20. Jekk dan il-Memorandum jiġi mmodifikat jew mitmum b'mod li s-Segretarjat tal-IPEEC ma jkunx aktar ospitat mill-AIE, l-ispejjeż tas-separazzjoni tal-persunal imħallas tas-Segretarjat tal-IPEEC mill-AIE, kif ukoll l-ispejjeż diretti l-oħrajn kollha marbutin mal-istralċ' f'ordni ta' dan l-arranġament, għandhom jiġġarrbu kompletament mill-Membri tal-IPEEC u/jew entitajiet oħrajn kif approvat mill-Kumitat Eżekuttiv, u huma ser jipprovdut kontribuzzjonijiet volontarji għall-baġit tas-Segretarjat tal-IPEEC fl-ammont neċessarju għal dan il-għan kif stabbilit reċiprokament bejn l-AIE u l-Kumitat Eżekuttiv; tali kontribuzzjonijiet għandhom isiru skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Membri rispettivi tal-IPEEC. Safejn ikun hemm eċċess fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet volontarji fiż-żmien li s-Segretarjat tal-IPEEC ma jibqax aktar ospitat mill-AIE, kwalunkwe fondi mhux użati għandhom jiġu allokati mill-AIE lill-Membri tal-IPEEC appororzjon tal-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom għall-baġit attwali ta' dak iż-żmien. Dan il-paragrafu għandu jissopravvivi t-tmien ta' dan il-Memorandum.

21. Dan il-Memorandum la jimponi, u lanqas ma huwa intenzjonat li jimponi, xi impenji jew obbligi legalment vinkolanti fuq il-Membri tal-IPEEC jew lill-AIE.

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Ambaxxatur, Richard H. JONES

Rappreżentant għall-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija

Data: 18 ta' Ġunju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Andre CORREA DO LAGO

Rappreżentant għall-Ministeru tar-Relazzjonijiet Esterni tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Kevin STRINGER

Rappreżentant għar-Riżorsi Naturali tal-Kanada

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

XIE Ji

Rappreżentant għall-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riformi tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Pierre-Marie ABADIE

Rappreżentant għall-Ministeru tal-Ekoġija, l-Enerġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ippjanar tal-Ibriet u l-Kampanja ta' Franza

Data: 22 ta' Ġunju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Detlef DAUKE

Rappreżentant għall-Ministeru Federali tal-Ekonomija u t-Teknoloġija tal-Ġermanja

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Daniele MANCINI

Rappreżentant għall-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Italja

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Toru ISHIDA

Rappreżentant għall-Ministeru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Industrija tal-Ġappun

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI
FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Tae Hyun CHOI

Rappreżentant għall-Ministeru tal-Ekonomija tal-Għarfien tal-Korea

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI
FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Aldo FLORES

Rappreżentant għas-Segretarjat tal-Enerġija tal-Messiku

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI
FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Sergey MIKHAYLOV

Rappreżentant għall-Ministeru tal-Enerġija tal-Federazzjoni Russa

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI
FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

Graham WHITE

Rappreżentant għad-Dipartiment tal-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Data: 24 ta' Mejju 2009

MEMORANDUM DWAR L-OSPITAR TAS-SEGRETARJAT TAS-SĦUBIJA INTERNAZZJONALI GĦALL-KOOPERAZZJONI
FL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA MILL-AIE

(iffirmat)

David SANDALOW

Rappreżentant għad-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti

Data: 24 ta' Mejju 2009
